MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2005

Appell Civili Numru. 1585/1997/1

**L & D Attard Co. Limited**

**vs**

**Eurometal Co. Limited**

**Il-Qorti:**

## PRELIMINARI

## IC-CITAZZJONI TAS-SOCJETA` ATTRICI

1. B'citazzjoni ipprezentata mis-socjeta` attrici din ippremettiet li hija kienet forniet lis-socjeta` konvenuta

merkanzija bil-valur ta’ erbgha u disghin elf, erba’ mija u sebgha u tletin lira (Lm94,437) prezz ta’ hadid mibjugh u konsenjat lis-socjeta` konvenuta li kellha thallas sa l-20 ta’ Mejju 1997 u ghalhekk talbet li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ erbgha u disghin elf, erba’ mija u sebgha u tletin lira (Lm94,437) flimkien ma’ l-ispejjez, fosthom dawk ta’ mandat ta’ qbid, ta’ mandat ta’ sekwestru, ta’ ittra interpellatorja tat-23 ta’ Mejju 1997 u ta’ l-ittra ufficjali ta’ l-10 ta’ Gunju 1997.

## L-ECCEZZJONIJIET TAS-SOCJETA` KONVENUTA

2. Is-socjeta` konvenuta eccepiet l-ewwel li s-socjeta` attrici ma mxietx kif irid il-kuntratt li kienet ghamlet mas-socjeta` konvenuta fis-16 ta’ April 1997, billi l-ewwel ma kkonsenjatx il-merkanzija fiz-zmien miftiehem, it-tieni il-merkanzija kien fiha persentagg ta’ materjal estraneju ghola minn kemm kien miftiehem u t-tielet ma kkonsenjatx “weight certificate” u ghalhekk is-socjeta` konvenuta baqghet ma tafx kemm tizen il-merkanzija li tghabbiet fuq il-bastiment Volgo-Balt 173; it-tieni li s-socjeta` konvenuta kellha ftehim mas-socjeta` barranija Maden Ticareu A.S. ta’ Istambul, li kienet dehret f’isem Newco Switzerland, biex il-merkanzija tinbiegh lilha hekk kif jinhareg “clean bill of lading” mhux aktar tard mill-20 ta’ April 1997 u billi l-merkanzija kienet konsenjata tard, u ma kienitx tal-kwalita` miftehma, s-socjeta` konvenuta sofriet danni ghax il-kuntratt ma’ Maden Ticareu A.S. sfratta; u t-tielet minhabba f’dak li ghamlet is-socjeta` attrici, is-socjeta` konvenuta sofriet danni ta’ telf ta’ qliegh u danni ohra u sofriet danni wkoll minhabba fil-hrug ta’ mandat ta’ sekwestru bin-numru 4054/97 tant li kellha tnaqqas in-nies li jahdmu maghha; ir-raba’ li l-merkanzija tghabbiet fuq il-bastiment M.V. Volgo-Balt 173 mis-socjeta` attrici mhux mill-konvenuta, u ghalhekk is-socjeta` konvenuta ma tafx x’kienet il-kwalita` tal-merkanzija u jekk kienitx skond il-ftehim; il-hames mix-xiehda ta’ Disma Attard imressaq mis-socjeta` attrici fl-atti tal-mandat kawtelatorju ta’ impediment ta’ tluq ta’ bastiment fl-ismijiet Eurometal Company Limited versus il-bastiment Volgo-Balt 173 johrog illi t-taghbija tal-merkanzija ntemmet fit-22 ta’ April 1997 mhux fl-20 ta’ April 1997 kif kien miftiehem; is-sitta li

minkejja l-mandat ta’ impediment mahrug fuq talba tas-socjeta` konvenuta biex tinhatt il-merkanzija minn fuq il-bastiment, il-bastiment thalla jitlaq minn Malta mill-awtoritajiet bi ksur ta’ l-ordni tal-Qorti; u s-seba’ li s-socjeta` konvenuta pprezentat kawza fl-ismijiet Eurometal Company Limited versus L & D Attard Company Limited ghad-danni, dwar l-istess mertu u dik il-kawza ghandha tinstema’ flimkien ma’ din; it-tmienja li s-socjeta` konvenuta hija mharsa b’polza mal-Middle Sea Insurance Co. p.l.c u ghalhekk m’hi qeghdha ssofri ebda danni; u d-disa’ li s-socjeta` konvenuta m’ghandhiex tbati spejjez.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

3. B’sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta’ Frar 2000 dik il-Qorti ddecidiet il-kawza billi cahdet it-talbiet tas-socjeta` attrici bl-ispejjez gudizzjarji jithallsu mill-istess socjeta` attrici.

**L-APPELL TAS-SOCJETA` ATTRICI:**

4. Is-socjeta` attrici hassitha aggravata bl-imsemmija sentenza u interponiet appell skond il-ligi fuq l-aggravji segwenti:

A. Illi bir-rispett kollu lejn l-ewwel Qorti s-socjeta` appellanti umilment tilmenta li din ma haditx in konsiderazzjoni l-fatti kollha tal-kaz u llimitat ruhha ghal uhud minnhom. Fil-fatt mill-atti jidher car li l-imsemmija Qorti ghazlet li temmen partijiet minn dak li kien qieghed jghid ix-xhud Faed Ghaz minghajr ma kkunsidratu fid-dawl tal-fatti kollha esposti fil-process u anki fix-xiehda shiha ta’ l-imsemmi.

B. Fil-fatt, stranament, l-imsemmija Qorti l-ewwel ma haditx in konsiderazzjoni li l-konvenuti ma hadux il-passi opportuni ai termini tal-ligi biex jirrifjutaw il-merkanzija. Jirrizulta ampjament mix-xiehda ta’ l-imsemmi Ghaz a fol. 126 tal-process li huwa ma ha ebda passi biex jirrifjuta l-merkanzija u anqas biss informa lill-atturii (sic) bl-oggezzjoni tieghu. It-tieni, l-istess Qorti ma kkunsidratx li lis-socjeta` attrici hadd ma informaha li l-merkanzija ma kienitx tajba u dan f’zewg mumenti krucjali u cioe` l-ewwel

meta l-istess Ghaz ircieva d-dokument EB4 li hija ittra li baghat il-Kaptan tal-vapur fit-18 ta' April 1997 fejn kien qieghed jghid li mhux ser johrog clean bill of lading kif jirrizulta mix-xiehda ta' l-istess a fol. 131 u t-tieni li meta s-socjeta` Torka inkarigat lil min jaghmel ir-rapport tal-merkanzija hadd mill-atturi ma kien prezenti sabiex jara x'attwalment gie muri lis-surveyor.

C. L-istess ghandu jinghad ghax l-istess Qorti ma ratx ir-raguni li permezz taghha l-merkanzija telqet minn Malta. U dan huwa ta' valur fundamentali meta wiehed jikkonsidra li l-merkanzija li kienet giet mghobbija abbord tal-bastiment Volgo-Balt kienet saret proprjeta` tas-socjeta` konvenuta. Il-konsenja saret u din giet effettivament accettata mill-konvenuti. Ir-relazzjoni legali li giet stabbilita kienet dik bejn il-bastiment u l-konvenuti, l-atturi f'ebda mument ma dahlu fin-nofs bejniethom. Ghalhekk is-socjeta` appellanti ma setghetx izomm lil vapur milli johrog barra l-port billi l-merkanzija kienet saret tal-konvenuti. Li kieku s-socjeta` konvenuta verament ma rieditx il-merkanzija allura kienet tiehu l-passi necessarji sabiex dan il-bastiment ma johrogx minflok halliet il-mandat ta' impediment tal-bastiment veljanti rrevokatu u tat id-dritt li johrog il-vapur b'kollox abbord. Dan jirrizulta ampjament a fol. 138 tal-process fejn l-istess Ghaz jammetti li huwa nehha dan u jghid ukoll li ghandu ftehim mal-bastiment izda dan il-ftehim minkejja li kellu jigi esebit baqa' ma deherx.

D. L-imsemmija socjeta` konvenuta l-ewwel halliet il-merkanzija titla abbord u kien wara li din telqet minn Malta li l-konvenuti eccepew li l-merkanzija ma riduhiex. Mill-atti, kuntrarjament ghal dan, jidher car li l-agir ta' Ghaz kien fis-sens li accetta l-merkanzija. Bir-rispett kollu jirrizulta ampjament li l-imsemmi Ghaz kien fuq il-moll jara l-merkanzija titghabba. Mill-atti f'mumenti jghid li ma kienx prezenti, ohrajn li kienu ohrajn a fol. 127 li ma jistax jiftakar, biss jista' xi hadd jemmen li kellu din il-merkanzija tiela abbord u ma jkunx prezenti xejn. Din it-tip ta' merkanzija tiehu hafna hin biex issir u mhux xi haga istantanja ghalhekk seta' jwaqqaf l-operazzjoni f'diversi mumenti. Izda huwa halla kollox jitla' abbord. Terga'

huwa kien il-hin kollu ma' l-atturi u li kieku kif qieghed jghid issa din ma ridhiex kien iwaqqaf kollox dak il-hin. Kien biss tard hafna li qal li ma jridx il-merkanzija u dan kien wara li saret din il-kawza kif stqarr huwa stess.

E. Li kieku s-socjeta` konvenuta ma rieditx il-merkanzija kienet tiehu passi adegwati mill-ewwel sabiex izzomm din il-merkanzija milli titla' fuq il-bastiment. Dan baqghet ma ghamlitux anzi hija uriet lil dik attrici li kien accettabbli. Bir-rispett kollu l-imsemmija l-ewwel Qorti ma kkunsidratx li s-socjeta` attrici ma sfurzatx il-konsenja fuq il-konvenuti ghax dawn il-hin kollu kienu maghhom. L-agir tal-konvenuti kien fis-sens li din il-konsenja giet accettata kompletament. Meta wiehed jirrifjuta jrid juri dan b'atti legali cari u inekwivoci u mhux wara li jsiru l-proceduri legali opportuni kontra tieghu.

F. L-ewwel Qorti ticcita l-Artikolu 1390 tal-Kodici Civili izda ma tiehux hsieb tapplikah ghall-kaz in kwistjoni. Bir-rispett kollu l-kliem tal-ligi li "x-xerrej jista' jaghzel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob danni jew li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' perit" jindikaw li trid issir il-procedura legali necessarja sabiex ikun hemm ir-rifjut tal-merkanzija. Il-konvenuti f'ebda stadju ma hadu hsieb li jaghmlu xi procedura ghar-rifjut. Anzi jidher car li kieku ma kienux dawn il-proceduri ma kienitx tohrog din l-eccezzjoni. Jekk il-merkanzija giet accettata abbord, dan ifisser li l-konvenuti kienu qed jaccettawha. Xejn aktar u xejn anqas. Ir-rifjut tal-ligi jfisser li wiehed jerga' jibghat il-merkanzija lura jew ma jaccettax il-konsenja taghha kif il-Qrati nostrali u l-awturi jinterpretawha. F'ebda mument ma kien kontemplat li wiehed jircievi l-merkanzija, jzommha u fl-istess hin ma jhallasx taghha. Ghalhekk il-ligi titlob li jkun hemm in-nomina ta' perit biex jekk wiehed ha l-merkanzija u accettaha allura huwa jaghti l-valur ta' dak li rcieva. Dan baqa' ma sarx u anqas hu mitlub billi dan huwa dritt li jispetta lix-xerrej mhux lill-bejjiegh u seta' jigi ezercitat minnu biss. B'dan il-Qorti fil-fatt giet li ppremjat lis-socjeta` konvenuta li rnexxielha tiehu l-merkanzija u ma thallasx taghha. Dan huwa car ghax jekk il-bastiment kellu kwistjoni mal-konvenuti allura l-

merkanzija serviet sabiex jigi likwidat debitu li hija kellha ma’ l-istess.

Ghaldaqstant is-socjeta` attrici appellanti talbet li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta’ Frar 2000 fl-ismijiet premessi billi tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta u tilqa’ t-talbiet tas-socjeta` attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess.

## KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI

5. Qabel xejn jigi rilevat li ghalkemm is-socjeta` konvenuta giet debitament innotifikata bir-rikors ta’ appell skond kif hemm ipprovdut fl-Art. 187 tal-Kap. 12, din baqghet ma ghamlet ebda risposta biex tirribatti l-appell tal-kontroparti attrici.

6. Il-vertenza in ezami hija dwar bejgh ta’ partita “*scrap metal*” min-naha tas-socjeta` attrici a favur is-socjeta` konvenuta, liema bejgh sar a bazi ta’ kuntratt in iskritt datat 16 ta’ April 1997 (esebit fil-process bhala Dok E2a a. fol. 25 tal-process). Skond dan il-ftehim il-prezz kien ta’ “Lm38 (Thirty eight Malta Liri) per MTN on FOB Valletta Port basis” (kundizzjoni 2), u ghalhekk is-socjeta` appellanti obbligat ruhha mhux biss li tbiegh l-azzar izda anke li tghabbih fuq il-bastiment li kellu jingieb, u li in effetti gie migjub, mis-socjeta` appellata. Il-hlas kellu jsir lis-socjeta` appellanti “on evidence of loading the material on the vessel and on receipt from the First Party of the invoice and a signed declaration that the scrap metal does not contain impurities more than $^{1}/_{2}$ %...”. Kien gie miftiehem li l-piz ta’ l-istess merkanzija kellha tigi determinata minn terza persuna u infatti kellhom jigu pprezentati “weght certificates” lis-socjeta` konvenuta. Inoltre, l-kuntratt kien jistipula li “the last date of shipping material is the 20$^{th}$ April 1997.”

7. Fid-decizjoni taghha l-ewwel Qorti kkonkludiet li s-socjeta` attrici ma kienitx qdiet l-obbligazzjonijiet taghha taht il-kuntratt imsemmi, minhabba zewg ragunijiet –

i) it-tghabija ma kienitx tlestiet saz-zmien miftiehem
ii) ma kienitx ikkonsenjat merkanzija tal-kwalita` miftehma.

Dwar dawn in-nuqqasijiet l-ewwel Qorti elaborat hekk –
“L-aktar nuqqas serju kien li ma kkonsenjatx il-merkanzija tal-kwalita` miftehma, u minhabba dan in-nuqqas tellfet lis-socjeta` konvenuta kuntratt ma’ terzi. In-nuqqas l-iehor kien li t-taghbija ma lestithiex saz-zmien miftiehem. Dan it-tieni nuqqas huwa ta’ anqas importanza mill-ewwel wiehed ghax, ukoll li kieku s-socjeta` attrici lestiet it-taghbija fiz-zmien miftiehem, xorta t-taghbija ma kienet tkun tiswa xejn lis-socjeta` konvenuta ladarba l-merkanzija ma kienitx tal-kwalita` miftehma."

8. L-ewwel Qorti kienet tal-fehma li s-socjeta` konvenuta rnexxielha tipprova dak li gie eccepiet minnha jigifieri li s-socjeta` attrici ma kkonsenjatx merkanzija tal-kwalita` miftehma, liema nuqqas, skond hi, kien l-aktar wiehed serju. It-tieni nuqqas, skond l-istess Qorti, kien dak li s-socjeta` attrici ma lestietx it-taghbija fiz-zmien miftiehem. Skond l-ewwel Qorti, dan it-tieni nuqqas kien ta’ anqas importanza mill-ewwel nuqqas ghax, ukoll li kieku s-socjeta` attrici lestiet it-taghbija fiz-zmien miftiehem “xorta t-taghbija ma kienet tiswa xejn lis-socjeta` konvenuta ladarba l-merkanzija ma kienitx tal-kwalita` miftehma.”

9. L-ewwel Qorti, wara li ccitat l-Artikolu 1390 tal-Kap.16 bhala l-artikolu li fuqu kienet qeghdha tibbaza s-sentenza taghha, ghaddiet biex tichad it-talbiet attrici ghar-raguni li <u>*inadimplenti non est adimplendum*</u>.

10. Din il-Qorti, wara li ezaminat mill-gdid il-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti, m’hijiex daqstant konvinta (bhalma esprimiet ruhha l-ewwel Qorti) li s-socjeta` konvenuta appellata ressqet provi sufficjenti biex tiggustifika l-eccezzjoni taghha li l-merkanzija ma kienitx tal-kwalita` pattwita. Tali prova kienet tispetta lis-socjeta` appellata ghar-raguni li “*incumbit probatio qui dicit non ei qui negat*”. Issa huwa minnu li fix-xiehda tieghu, Fayed Ghaz, jigifieri c-Chairman tas-socjeta` konvenuta, jghid li skond hu l-

merkanzija supplita ma kienitx konfacjenti ma' dik miftehma izda min-naha l-ohra, is-socjeta` attrici xehdet fis-sens li l-materjal li hija supplixxiet kien proprju dak li kien mar jaghzel l-istess Ghaz mill-"iscrapyard" taghhom. Terga' u tghid l-istess Ghaz, oltre li jikkonferma dan il-fatt dwar li mar fis-sit tas-socjeta` attrici biex jara l-materjal, jghid ukoll li kien biss wara senjalazzjoni da parti tal-kaptan tal-vapur "M.V. Volgo-Balt 173" fil-kors tat-taghbija tal-merkanzija, li hu kkonkluda li l-merkanzija kellha impuritajiet eccedenti l-percentwal miftiehem. Il-bran in kwistjoni qieghed proprju fl-gheluq tad-deposizzjoni moghtija minn Fayed Ghaz fis-seduta tat-28 ta' Novembru 1997(fol. 14 tal-process) fejn "*inter alia*" jghid li gej,

"I have seen the scrap in the yard and I located certain piles of scrap and I located certain piles of scrap and I went once before they started loading the ship and there was only a small amount which does not show anything, and after that I didn't attend or see except after loading complete loading (sic), and accordingly when after complete loading even the master of the ship issued a report saying that this is rubbish and not a scrap metal, I went to see on board and when I have seen on board I came to the Court and ask the Court to give me an order to remove the cargo from the ship ..." (sottolinear tal-Qorti).

Huwa veru li fl-atti giet esebita kopja ta' ittra (ara Dok 4B, fol. 33), bhala prova in sostenn tas-suespost, imma darba li din l-ittra m'hijiex konfermata mill-mittent (li allegatament harab bil-vapur tieghu bil-merkanzija *de quo* hekk mghobbija) certament ma tikkostitwix l-ahjar prova. Giet inoltre esebita kopja ta' rapport in iskritt (ara fol. 34) mahruga minn socjeta` b'isem Tork-Vitsan – li fost ohrajn issemmi impuritajiet ta' 1.30%, kif ukoll "*findings*" fis-sens li gej,

"Our above findings reflects (sic) the condition of cargo by visual checking from the top of holds which was about 20 per cent of the B/L Quantity".

Bhal fil-kaz ta' l-ittra allegatament rilaxxjata mill-Kaptan tal-vapur li fuqu tghabbiet din il-merkanzija , dan ir-rapport ma jinsabx konfermat minn min suppost irrilaxxjah.

11. Dejjem dwar din il-kwistjoni ossia dwar il-kundizzjoni tal-merkanzija, jirrizulta li socjeta` lokali bl-isem ta' "Valletta Survey Company Limited" irrilaxxjat rapport (ara kopja fotostatika – Dok VSB, fol. 59 – 91 tal-process). Fost affarijiet ohra f'dan is-"survey report" hemm li gej:
"The terms of reference where (recte "were") to survey the top layers of the cargo in the holds 'as seen', in order to try to identify any foreign materials".

Dan ir-rapport fotokopjat jinkludi numru ta' ritratti ta' kwalita` pessima u jsemmi numru mhux ikkwantifikat ta' oggetti li mhux suppost ikunu prezenti (ara fol. 61). Jigi pero` rilevat li fl-atti tal-mandat ta' impediment ta' partenza kontra l-vapur (Rikors numru 954/1997), liema atti gew allegati ma' dan il-process in forza ta' digriet moghti fis-26 ta' Frar 1998, ir-rapport u r-ritratti huma fl-original. Dwar dan ir-rapport pero` gie ta' lanqas prodott xhud biex jikkonferma l-kontenut tieghu, Aldo Abela – is-"surveyor" li kien tqabbad mhux mis-socjeta` konvenuta imma mis-socjeta` responsabbli mill-"management" (sic) tal-vapur bl-isem ta' "Ray Trading and Shipping". Mistoqsi mill-Qorti jekk ix-xhud kienx f'posizzjoni jghid x'kien il-percentwal bhala toqol ("weight") ta' l-iscrap metal in kwistjoni (ara fol. 143 tal-process) ix-xhud Abela jirrispondi hekk:
"Le, ma stajtx. Fil-fatt ma nistax ghal dik ir-raguni, li jiena rajt il-wicc, u hekk ma stajtx nara x'kien hemm taht dak il-wicc. Jigifieri ghall-argument seta' kien hemm li taht il-wicc ma kien hemm xejn jew kien hemm kollu materjal oltre milli l-"metal scrap", allura ma nistax nikkwantifika". (Sottolinear tal-Qorti).

Quddiem provi ta' din il-kwalita`, din il-Qorti ma tasalx biex tikkondividi l-fehma li gie ppruvat li l-merkanzija *de quo* ma kienitx tal-kwalita` pattwita.

12. Is-socjeta` appellata pero` kellha ilment iehor rigwardanti dewmien f'terminu ta' zmien biex il-merkanzija tigi mghobbija fuq il-vapur. Dan it-tieni lment gie deskritt

mill-ewwel Qorti bhala wiehed anqas serju mill-iehor <u>rigwardanti l-kwalita`</u> tal-merkanzija li giet supplita. Minn ezami tal-provi jirrizulta li l-bastiment wasal Malta fl-istess gurnata li fih sar il-ftehim bejn il-partijiet, jigifieri fis-16 ta' April 1997 u li t-taghbija tal-merkanzija bdiet l-ghada (ara xiehda ta' l-iskrivan tas-socjeta` attrici Emanuel Mallia a fol. 191). Fid-deposizzjoni tieghu Ronnie Fleri, Port Manager (a fol. 146 et seq) spjega li t-taghbija kompliet sat-Tnejn 21 ta' April. Izda peress li Attard, wiehed mid-diretturi tas-socjeta` attrici, kien sussegwentement qallu li kien baqa' li jitghabba xi materjal iehor hu kien rega' tah in-nies fit-22 ta' April, u t-taghbija spiccat fit-3.00. Dan hu kkonfermat b'Dok. E3 a fol. 30 tal-process. Il-partijiet ma qablux, pero`, fuq ir-raguni l-ghala t-taghbija tkompliet wara l-20 ta' April. Is-socjeta` attrici tipprova tiggustifika ruhha billi tghid li t-taghbija kienet lesta sad-19 ta' April ghaliex skond huma l-vapur kien mimli, u li komplew wara dik id-data fuq talba ta' Fayed Ghaz stess li ried jghabbi izjed materjal. Dan ghamluh ghaliex huma kienu marbutin bil-frazi "about three thousand" fil-kuntratt (xiehda ta' E. Mallia a fol. 194 et seq). Min-naha tieghu izda Ghaz jichad dan u jghid li hu kien mar il-yard tas-socjeta` attrici fl-20 ta' April 1997, wara li rcieva r-rapport tal-kaptan (dak a fol. 33) u qallhom biex iwaqqfu t-tghabija tal-merkanzija peress li ma kienitx tajba (ara fol. 122 – 126). Li hu cert hu li t-taghbija verament tkompliet wara l-20 ta' April 1997, u li t-total tal-merkanzija finalment mghobbija kien ferm inqas minn dak miftiehem fil-kuntratt ("about 3000MTN's") bejn il-partijiet. Infatti, c-certifikat mahrug mill-Marina Milling & Grain Handling Co. Ltd (a fol. 29) jispecifika li l-piz tal-merkanzija mghobbija kienet ta' 2,485.200 metric tonnes. Ghalhekk kif sewwa qalet l-ewwel Qorti l-iskuza tas-socjeta` attrici ma treggix. F'dan ir-rigward is-socjeta` attrici kienet naqset mill-obbligu assunt minnha fil-kuntratt.

13. **Ghal kull buon fini ghandu jinghad illi fl-eccezzjonijiet taghha s-socjeta` konvenuta allegat ukoll illi s-socjeta` attrici kienet kisret il-kuntratt ta' bejniethom anke peress illi baqghet ma pproducietx il-*weight certificate* bil-konsegwenza li sa meta saret il-kawza s-socjeta` konvenuta baqghet ma tafx il-piz tal-merkanzija li tghabbiet fuq il-bastiment Volgo Balt**

**173.** L-ewwel Qorti ma semmiet xejn dwar dan l-ilment. Fayed Ghaz qal li hu kien ra biss *complimentary slip* (dok. Eze a. fol. 29) u li qatt ma gie moghti certifikat li jispecifika l-piz (xiehda a fol. 136). Izid infatti li l-kaptan kien ghamel kalkolu ta' dan il-piz skond il-livell raggunt mill-merkanzija gol-vapur u li "I was very astonished because there is two (sic) estimations for one cargo." (fol. 137). Emanuel Mallia, skrivan mas-socjeta` appellanti, xehed li l-Marina Milling kienet baghtet is-slips individwali ta' kull truck li tghabba fuq il-bastiment u li hija tohrog certifikat fuq complimentary slip. Izid li hu kien baghat kopja ta' kollox lil Ghaz u jghid li Ghaz qatt ma kien qallu xejn dwar dan (fol. 206 – 210). Anthony Busuttil, rapprezentant tal-Middle Sea Insurance Co. Ltd. xehed li s-socjeta` konvenuta kienet giet mitluba diversi dokumenti li qatt ma waslu u infatti l-letter of credit ma gietx onorata ghaliex il-bill of lading qatt ma wasal (fol. 176 et seq.). Izda ma jghid xejn dwar dan il-"weight certificate".

Kien jinkombi fuq is-socjeta` konvenuta li ggib l-ahjar prova biex turi li verament ma gietx moghtija dan ic-certifikat izda dan m'ghamlitux. Infatti, ghalkemm hija harrket rapprezentant tal-Marina Milling & Grain Handling Co. ghas-seduta tal-Qorti ta' l-24 ta' April 1998 dawn ma dehrux peress illi n-notifika kienet negattiva (fol. 231 tergo) u qatt ma regghu ssejhu biex jixhdu dwar dan.

14. Mela mis-suespost jirrizulta li jekk kellha tigi milqugha xi wahda mill-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta` konvenuta, din kellha tkun il-hames eccezzjoni kif riportata fin-nota ta' l-eccezzjonijiet (ara fol. 16 tal-process, para (v)). Dan hu hekk pero` sakemm ma jirrizultawx cirkostanzi ohra (kif fil-fatt qieghed jigi sottomess mis-socjeta` attrici) li jinnewtralizzaw l-eccezzjonijiet kollha li nghataw mis-socjeta` appellata.

Fil-fatt jirrizulta li ghalkemm jidher li l-ewwel Qorti ghamlet referenza esplicita ghall-Artikolu 1390 tal-Kap. 16 u mxiet fuq il-konkluzjoni li s-socjeta` konvenuta, ix-xerrej, irrifjutat il-merkanzija meta rat li ma kienitx tal-kwalita` miftehma, bhala fatt (u bil-maqlub allura ta' dak li gie konkluz mill-ewwel Qorti) m'huwiex minnu li s-socjeta` konvenuta

rrifjutat il-merkanzija "*de quo*". L-Artikolu 1390 jghid kjarament x'jista jaghmel ix-xerrej meta jigi rinfaccjat b'oggett li ma jkunx gie mghoddi lilu skond kif miftiehem. Jista' jirrifjutah jew izommu u jitlob diminuzzjoni fil-prezz tal-bejgh. Li zgur ma jsitax jaghmel hu li jibqa' jzomm ghandu dan l-oggett.

Dwar dan is-socjeta` appellanti tilmenta li s-socjeta` konvenuta ma haditx il-passi rikjesti mill-ligi biex tirrifjuta l-merkanzija u li l-konsenja giet accettata. Tilmenta illi kieku s-socjeta` konvenuta ma riditx il-merkanzija kienet tiehu l-passi adegwati biex ma thallihiex titla abbord il-vapur, u mhux tirrevoka l-mandat ta' impediment u b'hekk taghti d-dritt lill-vapur li johrog mill-port b'kollox abbord. Inoltre, tghid illi Ghaz kien qajjem biss l-ilment li ma riedx il-merkanzija ghaliex ma kientix skond il-ftehim meta saret il-kawza odjerna.

15. Fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet Paul Galea pro et noe vs Carmel Galea deciza fil-31 ta' Jannar 2003, mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (cit nru. 891/1990/1) intqal li gej dwar l-Artikolu 1390 tal-Kodici Civili,
"Riferibilment ghat-trasferiment ta' proprjeta` u r-riskju ta' l-oggett mixtri, jinsab enuncjat illi "meta x-xerrej jirrifjuta l-oggett li jkun baghtlu l-venditur ghax l-oggett hu hazin u mhux adatt ghall-fini tax-xiri, kif hu dejjem prezunt li ghandu jkun l-oggett mibjugh u javza lill-venditur b'dan ir-rifjut, l-istat ta' fatt ikun daqs li kieku naqas ghal kollox l-oggett tal-bejgh, u kwindi ma hemmx trapass tal-proprjeta` jew tal-*periculum rei perditae*" (Francesco Zammit vs Celest Spiteri, Qorti ta' l-Appell, Sede Inferjuri, 14 ta' Novembru 1953)."

Dawn il-Qrati dejjem irritenew li biex ix-xerrej jehles mir-rabta kontrattwali li kien dahal fiha li jakkwista l-oggett minghand il-venditur, fejn dak l-oggett ma jkunx konformi mal-kampjun jew skond il-kwalita` mwieghda, hu kellu jirrifjutah jew materjalment jew billi jiddepozitah taht l-Awtorita` tal-Qorti (Avv. Dottor Louis Cassar Pullicino nomine vs. Pauline Buhagiar nomine, Appell Civili, 28 ta' April 2000). Naturalment skond l-istess termini ta' l-

artikolu tal-ligi, huwa seta' wkoll jaghzel li jaccettah u jhallas prezz anqas ghalih fuq stima ta' perit.

Fis-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet: "John Mary Dalli nomine v. Grezzju Patiniott", Appell Civili, 19 ta' Mejju 2000, gie inoltre ritenut li
"Din kienet difiza li l-kompratur seta' javanza ukoll *per via di eccezione* jekk il-venditur jinterpellah biex ihallas il-prezz ta' l-oggett in vendita`. Mill-banda l-ohra, jekk il-kompratur jaghzel li jzomm l-oggett lilu konsenjat u bl-ebda mod ma jirreagixxi skond kif trid il-ligi ghall-fatt li dak l-oggett ma jkunx skond il-kampjun jew tal-kwalita` pattwita, il-kompratur ikun qieghed jippregudika irremedjabilment il-posizzjoni tieghu".

16. Issa li kieku kellu jirrizulta li s-socjeta` konvenuta tabilhaqq hadet il-passi kollha necessarji biex turi r-rifjut tal-merkanzija <u>*de quo*</u>, allura t-talba attrici ma kienitx tintlaqa', <u>pero` l-fatti juru xort' ohra</u>. Ghaz xehed illi huwa kien informa lis-socjeta` attrici fl-20 ta' April biex jieqfu jghabbu l-merkanzija abbord il-vapur. Jichad li l-merkanzija li tghabbiet wara dakinhar tghabbiet fuq istruzzjonijiet tieghu (fol. 106). Din ix-xiehda pero` hija kontradetta kemm minn Enzo Attard (fol. 415 et seq) u minn dik ta' Emanuel Mallia. Ghaz jixhed li hu kien ra l-scrap metal meta kien ghadu fil-"yard" u li wara mar biss fuq il-moll qabel ma bdiet it-taghbija tal-merkanzija "and there was only a small amount which does not show anything." (fol. 14). Wara huwa jghid li kien mar biss meta t-taghbija kienet lesta. Fil-kontroezami, izda, jixhed li ma kienx jiftakar jekk kienx prezenti waqt li l-merkanzija kienet qed titghabba (fol. 127). Huwa difficli li wiehed jemmen l-ewwel verzjoni li ta Ghaz peress illi t-taghbija kienet wahda li tiehu hafna hin u ghalhekk huwa inverosimili li Ghaz ma marx jara fhiex kienet waslet din l-operazzjoni meta hu stess jixhed li kien nizel il-port malli dahal il-bastiment u qabel ma bdiet it-taghbija tal-merkanzija.

17. Dwar l-allegat rifjut tieghu ta' din il-merkanzija l-ewwel jixhed li kien ordna lill-vapur biex ma jaccettax merkanzija wara l-20 ta' April, 1997 u mbaghad jikkoregi billi jghid li kien ordna lil Enzo Attard u mhux lill-kaptan tal-vapur (fol.

124 – 125). Inoltre, ghalkemm is-socjeta` konvenuta ssostni li ma rieditx izzomm il-merkanzija qatt ma hadet passi kontra s-socjeta` appellanti ghaliex skond Fayed Ghaz hu haseb li setghu jaslu ghal soluzzjoni amikevoli.

18. Dwar dak li gara wara l-20 ta' April 1997 u cioe` wara li allegatament informa lis-socjeta` attrici li ma riedx il-merkanzija l-istess Ghaz jelabora hekk:

"What happened accordingly, because number one the ship captain did not agree to issue a clean Bill of lading, of course, and I refused the load, there was no a (sic) Bill of Lading, my letter of credit wass dropped and I had to arrest the ship to make the ship remain in port till I take this load off the ship because it is unsatisfactory load. And then I started a case between me and the ship agents and the ship owners, finalized the agreement that I might take this to another place which can take it, but which can take it to another client, which can take it.....

"Number two I decided again accordingly that I take the cargo out of the ship and I took to the Court agreement to unload the ship. At that time, I reached an amicable solution with the ship owners, that if I ship the cargo to somewhere else I will pay them the shipping in advance and I already paid twenty seven thousand dollars ($27,000) accordingly. But when I decided again not to send the cargo and take it out, because the price which was given to me was very low price, and decided I took the court decision that I can unload the cargo and I send to the Port Authority, the Port Authority answered okay; the next day when I went there I didn't find the ship in the harbour and the ship was taken by the captain and the crew because the owner of the ship owes them a lot of money..." (ara fol 106-107).

"Jidher ghalhekk li ghalkemm Fayed Ghaz jixhed li hu ma riedx izomm il-merkanzija, hu agixxa b'mod differenti u sahansitra pprova jiddisponi minnha billi jbieghha lil terzi."

Ghaz jinsisti li hu ottjena mandat ta' impediment ta' partenza kontra l-vapur biex ikun jista' jnehhi l-merkanzija

ghaliex, kif jghid hu, din kienet "unsatisfactory load". Izda minn qari ta' l-atti tar-rikors numru 954/1997, liema atti gew allegati ma' l-atti ta' din il-kawza fuq ordni ta' l-ewwel Qorti, tas-26 ta' Frar 1998, jirrizulta li l-impediment ma sarx ghal din ir-raguni. Ir-rikors in kwistjoni gie pprezentat fl-atti tal-mandat kawtelatorju numru 2217/97 fit-30 ta' April 1997 minn Dr. Ann Fenech ghan-nom tal-bastiment Volgobalt 173. Minn qari tar-rikors jidher li l-mandat ta' qbid u dak ta' impediment ta' partenza (numru 2216/1997) kienu saru fuq il-bazi illi s-sidien tal-bastiment kienu qed jirrifjutaw li johorgu clean bill of lading peress illi l-merkanzija, skond huma, kien fiha materjal estraneju u riedu johorgu "bill of lading" bid-data tat-22 ta' April 1997 u mhux 20 ta' April 1997. Fir-risposta pprezentata mis-socjeta` Eurometal Company Limited jinghad –

"Illi fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-premess, il-materjal estraneju li hemm referenza ghalih fil-paragrafu 14 tar-rikors huwa tant fi proporzjon zghir u accettabbli fil-kummerc de quo illi fuqu jinhareg normalment "clean bill of lading". Dan suppost illi jkun maghruf minn ditta serja tal-garr tal-merkanzija. F'kull kaz, il-materjal *de quo* huwa fil-kwalita` pattwita max-xerrej ."

Jirrizulta ghalhekk, illi l-mandat sar ghar-ragunijiet diversi minn dak li xehed Ghaz. Fi kwalunkwe kaz imbaghad l-istess mandat gie revokat wara li s-socjeta` konvenuta waslet fi ftehim mas-sidien tal-bastiment li fuqu tghabbiet il-merkanzija.

19. Is-socjeta` konvenuta, ghalhekk, ma ppruvatx li hija kienet tassew irrifjutat il-merkanzija, anzi bl-atteggjament taghha jirrizulta invece li akkwijexxiet ghall-kwalita` tal-merkanzija kunsinnata lilha fil-mument li din giet konsenjata. Infatti, hija lmentat li kien hemm ksur tal-kundizzjonijiet miftehma fil-kuntratt biss meta giet notifikata bil-kawza odjerna. Fi kliem iehor, ma jirrizultax li hija hadet il-passi mehtiega in sostenn ta' l-allegazzjoni taghha li l-merkanzija *de quo* ma kienitx tirrispekkja l-ftehim mas-socjeta` attrici. Is-socjeta` konvenuta kienet ghalhekk responsabbli mill-istess merkanzija ghaliex fil-mument li din giet konsenjata lilha ghadda fuqha r-riskju,

il-*periculum rei perditae*. Kwindi jsegwi li hija ghandha tbati l-konsegwenzi ta’ l-azzjonijiet taghha ghaliex kien obbligu taghha li tara x’isir effettivament bil-merkanzija u ghalhekk fic-cirkostanzi hija obbligata thallas il-prezz miftiehem.

Ghal dawn ir-ragunijiet:
Tiddeciedi billi, filwaqt li tilqa’ l-appell tas-socjeta` attrici, tirrevoka s-sentenza appellata kif moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet premessi u, konsegwentement tilqa’ t-talbiet tas-socjeta` attrici kif dedotti fl-att tac-citazzjoni, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` konvenuta appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------